***- BEJGH -***

***L-AZZJONIJIET PERMESSIBBLI TAHT L-ISTITUT TA' BEJGH HUMA DAWK TAL-ACTIO AESTIMATORIA, ACTIO REDHIBITORIA, AZZJONI ABBAZI TAL-ARTIKOLU 1390 LI L-OGGETT MHUX TAL-KWALITA` PATTWITA***

***ART 1427 – ART 1390 – KAP 16***

***- PRESKRIZZJONI –***

***ART 2153; KAP 16 GHAL DANNI NAXXENTI MINN KWAZI DELITT***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Hamis 28 ta' Gunju 2001

**Kawza Numru: 1**
**Citazzjoni Numru: 1453/96/RCP**

**J.C. Hydraulics Limited**

**vs**

**Waste Control Services Limited**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi d-ditta attrici bieghet u kkonsenjat lid-ditta konvenuta diversi *spare parts* u dan f'diversi perijodi;

Illi d-ditta konvenuta ghad fadlilha thallas bilanc ta' elf erba' mija tnejn u sittin lira u hamsa u disghin centezmu (Lm1,462.95c);

Illi d-ditta konvenuta ghalkemm accettat li hemm bilanc pendenti ta' elf, tlett mija tlieta u tmenin lira u hamsa u sittin centezmu, (Lm1,383.65), xorta qatt ma hallset lanqas dan l-ammont;

L-istess socjeta` attrici talbet li s-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:

1. tikkundanna lid-ditta konvenuta thallas lid-ditta attrici s-somma ta' elf, erba' mija tnejn u sittin lira u hamsa u disghin centezmu (Lm1,462.95,c), bilanc dovut lill-istess ditta attrici.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali ta' 1-14 ta' Gunju, 1994 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta fejn gie eccepit:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u dana, peress mhux biss illi b'ittra datata 20 ta' Lulju, 1994, id-ditta attrici talbet is-somma ta' Lm791.85, izda mir-records tal-kumpanija jirrizulta li l-ammont dovut huwa ta' Lm703.95. Din is-somma ma thallsietx fid-dawl ta' pretensjoni ghall-somma akbar li s-socjeta' konvenuta ghandha kontra s-socjeta' attrici, ghall-liema pretensjoni qed tressaq id-debita kontro-talba.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat il-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta fejn gie premess:

Illi f'Ottubru tal-1992, is-socjeta' konvenuta kienet xtrat minghand is-socjeta' attrici *truck-mounted hydraulic crane*;

Illi dan il-*crane* inxtara bil-kundizzjoni li jkun tal-istess efficenza bhal *cranes* l-ohra mixtrija wkoll minghand id-ditta, attrici;

Illi, pero', dan il-*crane* irrizulta diffettuz kif anke icertifika l-Prof. Robert Ghirlando fir-rapport tieghu tat-22 ta' Dicembru, 1992;

Illi d-ditta attrici giet ripetutament mitluba biex tirranga ghan-nuqqasijiet li kellu l-*crane*, izda kien kollox ghall-xejn;

Illi d-ditta konvenuta kienet qed titlef hafna flus bil-mod ta' kif il-*crane* kien qed jithalla jahdem, u ghalhekk kellha tinkariga persuna ohra biex isewwi dan il-*crane*, u ix-xoghol ta' tiswija gie konkjuz fid-9 ta' Dicembru, 1993;

Illi d-difett fil-*crane* involva lill-kumpanija konvenuta f'hafna spejjes, kif jirrizulta spjegat b'ittra tal-istess socjeta` datata 27 ta' Gunju, 1994, liema danni baqghu jakkumulaw sa Dicembru 1993, meta l-problema giet fl-ahhar solvuta u d-danni gew effettivament determinati;

Illi d-ditta attrici giet interpellata thallas dawn id-danni inkorsi, izda irrifjutat li tghamel dan;

L-istess s-socjeta' attrici giet mitluba tghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi m'ghandhiex din il-Qorti:

(1) tiddikjara lis-societa' attrici responsabbli ghad-danni sofferti minhabba l-fatt li l-*crane* mibjugh ma kienx tal-efficjenza miftiehma;

(2) tillikwida dawn id-danni fl-ammont ta' Lm2,294.53 jew kull ammont verjuri li tista' tistabillixxi din il-Qorti; u

(3) tikkundanna lis-socjeta' attrici thallas is-somma imsemmija ta' Lm2,294.53 jew dik is-somma li tigi talvolta likwidata minn din il-Qorti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Frar 1995, u bl-imghaxijiet legali, kontra is-socjeta' attrici li r-rappresentanti taghha huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` konvenuta a fol 9 *et sequitur* tal-process;

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` attrici ghall-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta fejn gie eccepit:

1. Illi t-talba tad-ditta konvenuta ghad-danni hi preskritta *ai termini* tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

2. Illi minghajr pregudizzju t-talba ghad-danni allegatament sofferti mid-ditta konvenuta hi infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-*crane* ma kien fih ebda difetti u d-ditta konvenuta kienet taf x'inhi tixtri qabel ma xtratu tant li ratu qabel ma xtratu.

3. Illi d-ditta konvenuta qajmet il-kwistjoni tad-danni meta d-ditta attrici ghafset legalment ghal hlas ta dak li kien dovut lilha, aktar minn sentejn wara li nxtara.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici;

Rat il-verbali tas-seduti tad-19 ta' Frar 1997 u tat-28 ta' April 1997.

Rat in-noti tas-socjeta` konvenuta in sostenn tal-pretensjoni taghha.

Rat il-verbali tas-seduti tat-13 ta' Gunju 1997 fejn id-difensuri qablu li wara li rcevew *statements of accounts* ma ghadx hemm vertenza bejniethom dwar it-talbiet tas-socjeta` attrici. Dr Chetcuti ghas-socjeta` attrici ddikjara li huwa pprezenta nota li biha rriduca t-talba tas-socjeta` attrici; u tal-21 ta' Novembru 1997.

Rat id-diversi noti tal-partijiet fil-kawza li permezz taghhom esebew affidavits.

Rat il-verbali tas-seduti tas-16 ta' Marzu 1998 fejn Dr Chetcuti ddikjara illi s-socjeta` konvenuta kienet ammettiet it-talbiet u l-provi li qeghdin isiru huma dwar il-kontro-talba taghha, tad-19 ta' Gunju 1998; tas-7 ta' Ottubru 1998; tad-19 ta' Frar 1999 fejn xehed il-Professur Robert Ghirlando; tad-29 ta' Ottubru 1999; tat-22 ta' Marzu 2000 fejn xehed in kontro-ezami l-Professur Robert Ghirlando; tal-31 ta' Mejju 2000; tal-31 t'Ottubru 2000; tal-15 ta' Frar 2001 fejn xehdet Sandra Falzon Scerri. Id-difensuri ddikjaraw li m'ghandhomx provi aktar. Id-difensuri talbu li jaghmlu noti; u l-Qorti laqghet it-talba. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Gunju 2001.

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi s-socjeta` attrici permezz ta' din il-kawza qed tippretendi l-ammont imsemmi fic-citazzjoni attrici bhala bilanc ta' konsenja ta' bejgh lid-ditta konvenuta ta' bejgh ta' diversi *spare parts* u dan f'diversi perjodi.

Illi s-socjeta` konvenuta eccepiet illi l-ammont dovut hu anqas u tali somma ma thallsitx fid-dawl ta' pretensjoni ghall-somma akbar li s-socjeta` konvenuta ghandha kontra s-socjeta` attrici, ghall-liema pretensjoni ressqet kontro-talba.

Illi permezz tal-imsemmija kontro-talba s-socjeta` konvenuta qed tghid li kienet xtrat *truck-mounted hydraulic crane* minghand is-socjeta` attrici, u dan bil-kundizzjoni li jkun tal-istess efficenza bhal *cranes* ohra gia` mixtrija minghandha. Illi pero` tali *crane* rrizulta difettuz u s-socjeta` konvenuta kellha tinkariga persuna biex issewwi dan il-*crane* u kwindi l-istess socjeta` dahlet f'hafna spejjez. Apparti l-ispejjez kien hemm ukoll danni sofferti.

Is-socjeta` attrici min-naha taghha eccepiet li t-talba tad-ditta konvenuta hi preskritta *ai termini* tal-**artikolu 2153 tal-Kap 16**. Kif ukoll li l-*crane* ma kien fih ebda difetti u d-ditta konvenuta kienet taf x'inhi tixtri qabel ma xtratu tant li ratu qabel ma xtratu u li l-din il-kwistjoni tad-danni tqajment meta s-socjeta` attrici ghafset legalment ghall-hlas ta' dak li kien dovut lilha.

## IT-TALBA ATTRICI

Illi rigward it-talba attrici fis-seduta tat-13 ta' Gunju 1997 id-difensuri qablu li wara li rcevew *statements of accounts* ma ghadx hemm vertenza bejniethom dwar it-talbiet tas-socjeta` attrici. Fil-fatt, Dr Mark Chetcuti ghas-socjeta` attrici ddikjara li huwa prezenta nota li biha rriduca t-talba tas-socjeta` attrici ghall-ammont ta' Lm703.95 bhala l-ammont dovut mid-ditta konvenuta.

## IL-KONTRO-TALBA TAS-SOCJETA` KONVENUTA

Illi s-socjeta` konvenuta ssostni li l-kontro-talba maghmula minnha bbazata fuq ksur ta' kuntratt. Illi min-naha taghha s-socjeta` JC Hydraulics Limited fin-nota ta' l-osservazzjonijiet taghha sostniet li l-kontro-talba tad-ditta konvenuta hi bbazata fuq premessa zbaljata. Dan ghaliex qed jigi allegat li l-*crane* in kwistjoni inxtara bil-kundizzjoni li

jkun tal-istess efficjenza bhal *cranes* ohra mixtrija meta tali kundizzjoni ma tezistix fil-ftehim esebit.

Illi fl-ewwel lok hu minnu li mill-ftehim esebit (a fol 14 tal-process) ma rrizultax li kien hemm tali kundizzjoni. Illi pero` dan ma jeskludix il-fatt li seta' kien hemm tali arrangament bejn il-partijiet b'mod verbali li ovvjament irid jigi ppruvat.

Illi jrid jigi rilevat illi ghalkemm is-socjeta` Waste Control Services Ltd fil-kontro-talba ppruvat timposta l-azzjoni taghha a bazi ta' ksur ta' kuntratt jidher li l-bazi vera hi fuq l-inadempjenza kontrattwali minhabba non konformita` ta' l-oggett mibjugh ma xi kwalita` pattwita cioe` mal-kundizzjoni li l-*crane* kellu jkun tal-istess efficjenza bhal *cranes* 'l ohra mixtrija, pero` qed jintalbu fl-istess hin id-danni sofferti mill-istess.

Illi pero` kif inghad fis-sentenza "**Emanuel Borg vs John Xuereb**" (App. Civ 25 ta' Jannar 1989) jekk il-venditur jikkonsenja haga mhux tal-kwalita` pattwita jew mhux bhal kampjun li fuqu l-vendita tkun saret, il-kumpratur jista' jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni, jew li jirceviha bi tnaqqis fil-prezz fuq stima ta' periti u din l-azzjoni hija preskrivibbli b'eghluq is-sentejn mill-bejgh. Fil-kaz odjern pero` s-socjeta` Waste Control Services Ltd m'ghazlitx wahda mill-alternattivi offerti mill-ligi, pero` ghazlet li titlob biss danni, rimedju li mhux kontemplat fil-ligi hlief abbazi tal-**artikolu 1390** u stante li l-azzjoni attrici jidher

palezament li ma hijiex ibbazata fuq l-istess artikolu mela allura l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi.

Illi ghalhekk jirrizulta li l-kontro-talba kif inhi imposta ma ghandha ebda bazi guridika u t-talbiet hemm kontenuti ma jistghux jintlaqghu peress illi tali azzjoni hi improponibbli, u dan dejjem fl-ambitu ta' azzjoni naxxenti minn bejgh, fejn l-unici azzjonijiet li huma disponibbli ghall-kompratur huma l-azzjoni dwar il-pacifiku pussess u difett latenti skond l-**artikolu 1427** u l-azzjoni fuq indikata li l-oggett mhux tal-kwalita` pattwita abbazi tal-**artikolu 1390 tal-Kap 16**.

Illi dan gie kkonfermat fis-sentenza fl-ismijiet "**Nadia Cassar et vs Charles Pace noe**" (K. JDC. 13 ta' Marzu 1995), fejn inghad illi l-azzjoni ta' danni proposta mill-kompratur huma biss dawk elenkati fl-istess Kodici Civili taht it-taqsima 2 titolu 6 sub-titolu 4 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan abbazi tal-insenjament maghmul fis-sentenza "**Scicluna vs Scerri"** (K. 16 ta' Jannar 1958 – XLII.ii.855), fejn inghad illi: *"l-opinjoni preponderanti hija li si tratta ta' regoli specjali li ghandhom ghalhekk jipprevalu ghad-disposizzjonijiet generali li jirregolaw il-kuntratti; u li la darba l-ligi stess iddeterminat l-effetti tal-vizzji, m'ghandhomx jigu moghtija lix-xerrej, drittijiet, u lil venditur imposti oneri, akbar minn dawk indikati bil-ligi."*

Illi tal-istess portata hija s-sentenza fl-ismijiet "**Anthony McKay vs Alfred Cassar**" (K. (JF) 10 ta' Dicembru 1992), fejn gie kkonfermat li l-azzjoni ta' danni ma tistax tirnexxi

minflok l-*actio aestimatoria* u/jew *redhibitoria* jew l-azzjoni skond l-**artikolu 1390**.

Illi minn dan jirrizulta li per analogia u applikati l-principji fuq esposti jirrizulta li:

(a) tali azzjonijiet fuq deskritti huma l-unici permessibbli lix-xerrej,

(b) t-talbiet tax-xerrej huma limitati ghal dak li jiprovdu d-disposizzjoni tal-istess artikoli, b'dan ghalhekk li f'kawza tan-natura ta' dik kontenuta fil-kontro-talba odjerna u abbazi tal-**artikolu 1390** u/jew l-**artikolu 1427 tal-Kap 16** kellha tintalab *sine qua non* li:

(i) l-oggett mhux tal-kwalita` pattwita jew dikjarazzjoni ta' difett latenti;

(ii) talba ghall-iffissar tal-prezz inqas u konsegwenti rifuzjoni ta' parti tal-prezz li tirrizulta li hija in eccess ta' dak stabbilit mill-Qorti jew li tinghata il-haga lura u jintradd il-prezz, jew abbazi tal-**artikolu 1390** jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni jew jircievi l-haga bi prezz inqas fuq stima ta' periti.

Illi minn ezami tal-kontro-talba odjerna jirrizulta li din l-azzjoni saret biss abbazi ta' danni *ex contractu* skond il-principji generali tal-kuntratti u ghalhekk ghal kollox differenti u estraneja ghall-ligi specjali u azzjonijiet *ad hoc*

permessibbli taht il-kuncett guridiku ta' bejgh jew tpartit skond kif gie ritenut ukoll fis-sentenza "**Portelli vs Grima**" (A.C. 27 ta' Novembru 1957 – XLI.i.341).

Illi fil-fatt jista' jinghad li skond l-**artikolu 1390** l-azzjoni ta' danni tista' biss tirnexxi jekk ix-xerrej jaghzel li jirrifjuta l-haga, li ovvjament is-socjeta` konvenuta ma ghamlitx skond il-premessi minnha esposti, u ghalhekk l-azzjoni taht l-**artikolu 1390** ma tistax tirnexxi.

Illi jekk wiehed ihares lejn l-**artikolu 1427** relattiv ghall-*actio redhibitoria* u l-*actio aestimatoria*, id-danni japplikaw biss fil-kaz ta' malafede da parti tal-bejjiegh, u ghalhekk dan ifisser li sabiex jirnexxu t-talbiet ta' danni konsegwenti ghall-bejgh jew tpartit dan jippresumi l-ezistenza u l-esitu posittiv u favorevoli ta' wahda mill-azzjonijiet specjali fuq indikati li fic-citazzjoni attrici huma ghal kollox mankanti (**"Buttigieg vs Hirst**" (Vol XXXII.i.163).

Illi minn dan kollu jidher li s-socjeta` Waste Control Services Ltd ippruvat tittenta tali azzjoni peress illi kwalunkwe terminu li seta' kellha a disposizzjoni taghha sabiex tipprocedi skond l-azzjonjiet fuq indikati kien iddekada, pero` abbazi ta' dak kollu premess l-azzjoni tas-socjeta` konvenuta fil-kontro-talba taghha ibbazata limitatament fuq allegati danni ikkawzati lilha minhabba allegati difetti fl-istess *crane* ma tistax tirnexxi stante li tali azzjoni hija guridikament improponibbli skond il-ligi vigenti u nostrali.

Illi fi kwalunkwe kaz din il-Qorti thoss ukoll, li bla pregudizzju ghal dak premess dwar l-improponibilita` tal-istess kontro-talba, l-istess socjeta` konvenuta lanqas irnexxiela tipprova dak minnha allegat, u cioe` li kien hemm tali kundizzjoni minnha allegata dwar in-natura tal-*crane* mibjugh u ghalhekk anke taht dan l-aspett il-kontro-talba ma tistax tirnexxi, u dan ukoll fl-isfond tax-xhieda ta' Joseph Camilleri minn fejn jirrizuulta li tali *crane* kien *second hand* u qabel ma gie kkonsenjat gie ezaminat mis-socjeta' konvenuta u mill-*mechanic* taghha u wara sar il-ftehim fuq il-prezz u gie armat ukoll fuq it-trakk tas-socjeta' konvenuta mill-istess impjegati tas-socjeta' konvenuta.

Illi anke kieku ghall-grazzja tal-argument jigi injorat dak kollu premess fuq il-bazi tal-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta jinghad ukoll li kieku tali azzjoni ta' danni kif imposta mis-socjeta' konvenuta hija guridikament possibbli, l-eccezzjoni tas-socjeta attrici abbazi tal-**artikolu 2153 tal-Kap 16** ma tistax tirnexxi stante li tali preskrizzjoni tapplika biss kif inghad fis-sentenza **"Paul Abela et vs Anthony Farrugia et"** (Cit Nru 1505/95/GV) – deciza fit-30 t'April 1999) meta l-azzjoni hija derivanti minn kwazi delitt u fil-fatt gie ritenut li:-

"*L-azzjoni ghal danni hija kolpita bil-preskrizzjoni ta' sentejn meta d-danni huma derivanti minn kwazi delitt, jigifieri fil-kaz ta' kolpa akwiljana u mhux ukoll fil-kaz ta' kolpa kontrattwali"* (Vol 38 p 292).

Illi ghalhekk abbazi tal-premess it-talbiet tas-socjeta' konvenuta fil-kontro-talba taghha ghandhom jigu respinti.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' in parte l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta fis-sens li l-ammont dovut huwa dak ta' Lm703.95, u tichad l-istess eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta ghall-kumplament, **tilqa' t-talba attrici** kif ridotta b'nota tal-24 ta' Gunju 1997 b'dan illi:-

(1) Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lid-ditta attrici l-ammont ta' seba' mija u tlett liri Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm703.95c) bilanc dovut mill-istess socjeta' attrici ghar-ragunijiet fuq indikati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 14 ta' Gunju 1994 kontra s-socjeta' konvenuta u bl-imghax legali kontra l-istess socjeta' konvenuta mid-data tal-24 ta' Gunju 1997 sal-effettiv pagament kontra l-istess socjeta' konvenuta.

Illi dwar l-**Kontro Talba tas-socjeta' konvenuta,** ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' it-tieni eccezzjoni tas-socjeta' attrici, **tichad it-talbiet tas-socjeta' konvenuta fl-istess Kontro-Talba** stante li

huma guridikament insostenibbli u *di piu'* infondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha tal-istess kontro-talba a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**28 ta' Gunju 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**28 ta' Gunju 2001**